MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Avviz Numru. 366/2012

**Cleaven u Lisa konjugi Attard**

**vs**

**Mario Farrugia u Alan Grech**

**Il-Qorti;**

Il-Qorti rat ir-rikors ta' l-atturi fejn talbu li l-konvenuti jigu kkundannati flimkien u in solidum bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma ta' tmien t`elef, sitt mija u wiehed u hamsin centezmu (€8,651) jew kull ammont iehor verjuri li jigi llikwidat minn din il-Qorti jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominani, bhala danni sofferti mill-atturi wara li l-intimati flimkien u in solidum bejniethom naqsu milli jikkompletaw l-appalt lilhom moghti fuq xoghol ta' kostruzzjoni li l-atturi qabduhom jaghmlu fuq il-proprjeta` taghhom gewwa 5/7, Triq il-Laqxija, Birkirkara, u ghal liema xogholijiet l-intimati kienu thallsu ghalihom bil-

quddiem fit-total ta’ €32,500, b’dan li l-intimati gew li abbandunaw l-appalt lilhom moghti u lestew biss 75% ta` l-imsemmija xogholijiet u wara li tlewmu bejniethom abbandunaw l-appalt u dana fi Frar cirka ta’ din is-sena (2012). L-intimati gew imwissija illi jekk ma jkomplux ix-xogholijiet l-atturi kienu ser jitterminaw l-appalt skont il-ligi u hekk ghamlu.

Din il-Qorti giet mitluba wkoll tillikwida permezz ta` l-imsemmi periti nominandi d-danni li sofrew l-atturi ekwivalenti ghad-differenza fil-prezz tax-xogholijiet li ghad iridu jsiru meta l-atturi jqabbu kuntrattur iehor biex jikkompleta l-istess, liema xogholijiet necessarjament ser jigu jiswewlhom izjed mill-ammont patwit bejn il-kontendenti fl-istess appalt, u dana prevja d-dikjarazzjoni jekk hemm bzonn illi l-attur kienu gustifikati legalment biex jitterminaw l-imsemmi appalt skont il-ligi u konsegwentement jhallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment ma` dan l-Avviz, bl-imghaxijiet legali fejn jirrikorru u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni. Ghal fini ta’ kompetenza gie ddikjarat li l-ammont li tieghu qieghed jintalab il-likwidazzjoni maghdud is-somma li trid tigi ritornata kif fuq intqal ma jeccedux il-kompetenza ta’ din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda ta’ l-attur Cleavan Attard fis-seduta ta’ l-10 ta’ April 2013, u rat id-dokument minnu ezebit. L-attur spjega li hu kien ta’ appalt lill-konvenuti u kien hallashom ta’ kollox bil-quddiem, izda dawn baqghu ma kkompletawhx u l-appalt gie xolt. Huwa kien qieghed jippretendi is-segwenti ammonti:

1. Ammont ta’ €8,651 rapprezentanti il-valur ta’ xoghol li l-konvenuti baqghu ma lestewx mill-appalt originali, liema ammont l-attur kien diga` hallas lill-konvenuti qabel ma bdew ix-xogholijiet.

2. Ammont ta’ €1,349 rapprezentanti d-differenza fil-prezz bejn l-€10,000 li l-attur kien hallas lil terza persuna

biex jittermina x-xoghol ta' l-appalt li ma giex kompletat mill-konvenuti, u l-ammont ta' €8,651, li l-attur kien hallas lill-konvenuti kif fuq inghad.

3. Ammont ta' €2,500 li l-attur hallas lit-terza persuna biex jirranga parti mix-xogholijiet li ghamlu l-konvenuti, liema xogholijiet pero` ma sarux skont l-arti u s-sengha.

Ghaldaqstant l-atturi qieghdin jippretendu b'kollox is-somma ta' €12,500.

Rat li fl-istess seduta tal-10 ta' April 2013 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut Mario Farrugia.

Rat li fis-seduta tat-22 ta' April 2013, il-konvenuti imsejhin tlett darbiet naqsu li jidhru, ghalkemm debitament notifikati u ghalhekk li l-kapitolu tal-atturi fil-konfront ta' Mario Farrugia ghandu jitqies bhala mistqarr.

Rat li fl-istess seduta tat-22 ta' April 2013 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut Alan Grech.

Rat li fis-seduta tal-lum, il-konvenuti imsejhin tlett darbiet naqsu li jidhru, ghalkemm debitament notifikati u ghalhekk li l-kapitolu tal-atturi fil-konfront ta' Alan Grech ghandu jitqies bhala mistqarr.

Pero` in vista tal-fatt illi l-ammont mitlub mill-atturi jeccedi l-kompetenza ta' din il-Qorti, l-ammont se jigi ridott sal-massimu tal-kompetenza ta' din il-Qorti, kif del resto gie dikjarat mill-atturi fl-avviz.

Konsegwentement tilqa' t-talba tal-atturi, u filwaqt li tiddikjara li l-atturi kienu gustifikati legalment li jitterminaw l-appalt mal-konvenuti, tikkundanna lill-konvenuti flimkien u in solidum ihallsu lill-atturi s-somma globali ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€ 11,646.87), bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan l-Avviz, u bl-imghaxijiet skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------